KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/2020

10 ta' Gunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**7.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

7.1.1 Ma kienx hemm

**7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

7.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 6 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

7.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Christopher Bruno il-minuti ġew approvati unanimament

**7.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**7.3.A** Is-Sindku informa l-kunsill fuq ix-xogħol kollhu li sar matul ix-xahar ta' Mejju / Ġunju 2020 fil-bajja ta' Rinella b'impenn konġunt mad-dipartiment ta' Clean Malta. Dawn ix-xogħolijiet jinkludu:

- Binjiet ta' ċnut ġodda kif ukoll railings
- Tibdil ta' tabelli antiki kif ukoll żieda ta' tabella biex iż-żona tkun koperta
- Xogħol ta' refreshing
- Xogħol ta' żebgħa u tikħil
- Żona aċċesibbli għan-nies bi bżonnijiet speċjali
- Għeluq ta' żoni perikolużi
- Applikazzjoni ġdida ma' Transport Malta dwar sinjali ġodda fit-toroq

Is-Sindku żied jgħid illi fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed ikomplu x-xogħolijiet f'din l-istess żona qabel mal-bajja tkun miżewda bin-nies anke meta l-Bajja ta' Rinella ma taqax taħt il-kompetu tal-kunsill dirett. Huwa spjega li għalkemm huwa stat ta' fatt illi veru li l-bajja ma taqax kompletament u dirett taħt il-Kunsill Lokali pero' huwa fid-dover tal-istess Kunsill jieħu ħsieb iż-żona li tant Kalkariżi jużaw. Spjega li sena wara sena ma nistgħux nibqgħu passivi u ma nagħmlu xejn quddiem sitwazzjoni li sajf wara sajf sejra għal agħar

**B** Il-kunsill qabel unanimament li għandhom jitweħħlu CCTV cameras skond il-liġi wara li inġabu kwotazzjonijiet formali minn naħa tas-Seg Eżek. Is-Sindku spjega illi dawn ic-CCTVS ser ikunu investiment għal lokal kollhu u mhux għal Bajja ta' Rnella biss illi għaliex jaħdmu b'sistema fejn jistgħu jiċċaqilqu skond l-eżigenzi tal-kunsill

matul is-sena. Dan ser ikun investiment għaqli minn kull naħa peress illi l-istess sistema ser tkun qed taħdem b'pv panels dan ifisser illi l-kunsill mhux ser ikun qed iħallas kirjiet u miżati tal-arloġġ tad-dawl. Dawn il-cameras ser ikunu ukoll imqabbdin mal-LESA għal affini ta' filmati fejn wieħed ikollu bżonn jieħu passi kontra xi vandaliżmu fiż-żona. Is-Sindku kompla jgħid illi dawn il-cameras mhux ser isolvu l-problema kollha li niltaqgħu magħhom fil-Bajja ta' Rinella pero' ser nibdew naraw frott tagħhom hekk kif ser ikunu mweħħlin.

C Is-Sindku informa l-kunsill b'ħafna kummenti pożittivi li hu rċieva fir-rigward it-tqassim ta' maskri f'kull residenza ġewwa l-lokal. Huwa spjega kif il-Kalkara kienet l-ewwel lokalita' li ġibdet ħabel wieħed biex jinħietu maskri mill-Kalkariżi għal Kalkarizi stess fejn anka dan il-ġest sempliċi ġie wkoll imfaħħar fuq siti soċjali u siti tal-aħbarijiet f'pajjiż. Huwa żied jgħid illi n-nies volontarjament taw donazzjonijiet illi minnhom ser ikunu qed jinqatgħu spejjeż li ġġenerat din l-inizjattiva kif ukoll is-Sindku ser ikun qed jgħaddi l-flus lill-Fondazzjoni Dar il-Wens ġewwa l-lokal stess la darba jinfetaħ il-bott li fihom inġabru d-donazzjonijiet.

Is-Sindku qal ukoll illi fil-jiem li ġejjin ser ikun qed iqassam 'hamper' bħala ġest ta' ringrazzjament lil dawk kollha li għenu fil-ħjata biex fi żmien qasir inġabru aktar minn 1500 maskra mingħandom stess biex jitqassmu ġewwa d-djar. Dawn il-'hampers' ġew mgħoddijin il-Kunsill minn kumpanija privata li kif rat din l-inizjattiva avviċinat lis-Sindku biex huma wkoll jgħinu minn naħa tagħhom.

Is-sindku rringrazzja formalment il-kunsilliera Maria Sultana li tagħat is-sehem tagħha fil-ħjata kif ukoll lill-kunsilliera Speranza Chircop li għenet fit-tqassim ta' dawn il- maskri bieb bieb.

Is-Sinjura Sultana wriet sample ta' bunter li jista' jiġi meħjut minn naħa tagħha bid-drapp li fadal li nxtara biex isiru dawn il-maskri biex waqt xi attivita' ikun jista' jiddendel bħala ornament.

D Is-Sindku rringrazzja formalment lill-kumpanija 'go to' illi fl-aħħar xahar offrew is-servizz tagħhom biex jgħinu l-kunsill f'inizjattiva ta' transport b'xejn għar-residenti Kalkariżi. Is-Sindku qal illi avolja s-servizz kien hemm ftit li xejn għamel użu minnu fakkar li, Il-kunsill ħaseb ukoll li jestendi b'xahar dan l-istess servizz għaż-żmien tal-Covid 19 fejn ħaddiem minn tal-kunsill kien qiegħed jieħu ħsieb l-appuntamenti tan-nies kif ukoll joħodom fejn ikollom bżonn bil-prekawzjonijiet kollha hekk kif kien qiegħed jitlob id-direttorat tas-saħħa. Dan is-servizz ġie terminat aktar kmieni dan ix-xahar la darba l-miżuri ġew rilaxxati minn naħa tal-awtorita' tas-saħħa u anke gie fi tmiemu l-ftehim mal-kumpanija 'goto'

E Is-Sindku informa l-kunsill dwar il-bankina u z-zebra crossing li qed issir minn naħa ta' 'infrastructure malta' n-naħa ta' Santa Liberata wara ħafna snin li din il-

kwistjoni kienet baqgħet pendenti minn leġislatura ta' qabel. Issa sa fl-aħħar ix-xogħol huwa kważi lest fejn fadal biss l-aħħar irtokki biex imbgħad tkun tista' tinżebaħ iż-'zebra crossing' fl-istess akkwata. Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi tħossa ferm iddiżappuntata illi ċertu xogħolijiet qed isiru issa wara li hi bħala Sindku fil-leġislatura ta' qabel kienet xebgħat tikkustinja mal-awtoritajiet biex ix-xogħolijiet pendenti isiru. Is-Sindku preżenti qal illi huwa din il-kwistjoni saba ma' wiċċu hekk kif ġie elett Sindku, baqa' jsostni u jippersisti li għandha ssir bankina u zebra crossing fiż-żona minnufih ħabba n-natura tal-periklu tat-triq stess.

F Is-Sindku informa l-kunsill dwar il-mixgħela ta' Bighi fejn matul Mejju inxtgħelet il-Binja ta' Bighi mingħajr mall-kunsill ħareġ flus biex dan isir, dan wara li hu stess avviċina lill-kumpanija li hadet hsieb il-kampanja 'Light the Sky Malta' fejn dawn tal-aħħar laqgħu mall-ewwel it-talba tiegħu biex tinxtgħel binja storika ġewwa l-lokal tal-Kalkara. Dan seta' jsir ukoll b'kollaborazzjoni ma' MCST fejn mal-ewwel appoġġjaw din l-inizjattiva minn naħa tas-Sindku. Is-Sindku żied jgħid illi bi pjaċir u b'sodisfazzjon din il-mixgħela ġiet ukoll murija fuq siti u midja soċjali important f'pajjiżna, filmati waqt kuncert fuq l-istazzjonijiet lokali u saħansitra parti ohra mill-binja ta' Bighi, ezattament il-binja li tospita l-Esplora dehret bħala Binja importanti f'programm specjali li sar mal-ewropa kollha flok il-Eurovision. Is-sindku qal li hassu kburi meta f'Isem Malta, fil-feature tal-Eurovision "building in the spotlight" minn madwar l-ewropa, dehret il-Kalkara, fejn ukoll kien hemm kritika fuqha l-biċċa. Is-Sindku żied jgħid li għal darb'oħra l-Kalkara ħadet 'exposure' sabiħ ma' Malta u Għawdex u mal-ewropa kollhu bla ma l-kunsill daħal fi spejjeż żejda.

G Is-Sindku informa l-kunsill illi minn Ġunju ser ikunu qed jitbattlu l-iskips kull nhar ta' Ħadd dan biex jitnaqqas l-ammont ta' skart iġġenerat u mgħormija fejn l-iskips fiż-żoni tal-Kalkara. Is-Sindku żied jgħid illi dan qed isir skond il-liġi u li huwa kien qed juża klawżola mill-istess kuntratt li l-kunsill ħareġ biex l-iskips ikunu jistgħu jinġabru l-Ħadd ukoll. Is-Sindku żied jgħid illi kien sar ukoll l-eżerċizzju ta' rilokazzjoni ta' skips fil-lokal hekk kif diġa' ġie diskuss u deċiż f'seduta preċedenti aktar kmieni din is-sena mill-istess kunsill. Sad-data ta' din il-laqgha, ir-rilokazzjoni tal-iskips kienet biss fl-ewwel ftit jiem taghha u ghaldaqstant saħaq li ma nistghux naraw s'issa x'rizultat halliet

H Is-Sindku informa l-kunsill bix-xogħolijiet li saru matul ix-xahar ta' Mejju fil-binjiet li ngħataw il-kunsill b'devoluzzjoni minn l-awtorita' tal-artijiet dan wara illi l-Kura Primarja stess talbet l-għajnuna tal-kunsill fejn jidħol tindif fis-sit li ser ikunu qed jirranġaw huma stess għal affini u użu tar-residenti Kalkariżi. Is-Sindku żied jgħid illi l-Perit ukoll kien qiegħed iħejji l-pjanti kollha neċessarji fis-sit fejn ġejja l - librerija tal-istess Kunsill biex b'hekk jitmexxew il-permessi mal-planning biex ikun jista' jinbeda x-xogħol ta' tranġar fil-binja stess bl-għajnuna wkoll tal-ħaddiema tar-Reġjun li huwa stess talab lill-President biex ikunu mibgħutin mall-Kunsill Lokali Kalkara għax-xahar ta' Awwissu 2020.

I 1 Is-Seg Eżek spjegat u talbet il-kunsilliera iħejju rapport ta' ħidma li huma għamlu matul is-sena 2019 li jikkaverjaw minn Lulju sa Diċembru hekk kif id-dipartiment ta' Gvern Lokali kien qed jitlob li jsir dan skond klawżola fil-liġi li tinsab fir-riforma.

I2 Il-kunsill qabel unanimament mar-risposta li s-Seg Eżek ħejjiet flimkien mal-accountants tal-Kunsill bħala risposta tal-'management letter' li hija rċeviet minn naħa tal-awdituri hekk kif inhu stipulat mill-liġi u skond ir-regolamenti. Din it-tweġiba ser tkun qed tintbgħat fil-jiem li ġejjin hekk kif inhu mitlub mis-Seg Eżek propju kif ta' kull sena jrid isir.

I3 Is-Sindku informa l-kunsill illi l-AKL ser tkun qed tiddiskuti mar-Reġjun Xlokk kif ukoll mad-dipartiment tal-Gvern Lokali alternattiva minn dik tal-preżent fuq ġbir ta' skart riċiklabbli bil-possibilta' li l-iskart imsemmi jibda' jiġi miġbur u jaqa' taħt ir-Reġjun Xlokk dirett.

I4 Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-jiem li għaddew is-Seg Eżek ġabet permess tibdel dettalji u premessi f'applikazzjoni li ġiet mimlija għal affini ta' fondi għal eżidenzi li u bzonijiet li dak iż-żmien li imtliet l-applikazzjoni kienu differenti minn dawk preżenti minħabba l-fatt illi l-kunsill ingħata binja ġdida li trid tiġi rranġata mill-bidu sal-aħħar. Din l-applikazzjoni ser tkun qed tinbidel għal eżiġenzi li hemm bżonn fil-binja l-ġdida hekk kif il-kunsill qabel unanimament li għandu jsir hekk waqt din is-seduta din kienet applikazzjoni fejn il-Kunsill seta' jibbenifika minn fondi għal affini ta' libreriji lokali ta' Malta u Għawdex

I5 Is-Seg Eżek spjegat illi hekk kif inhu mitlub mill-liġi l-kunsill għandu jinnomina deputat Seg Eżek għal benefiċċju tiegħu. Hija spjegat illi s-Sur Duncan Hall li diġa' kien ġie innominat u maqbul mill-istess kunsill x'aktarx ser ikollu problema biex jaċċetta l-għaliex diġa' qiegħed depuat x'imkien ieħor allura l-kunsill qabel unanimament fuq parir tas-Seg Eżek illi la darba issa hemm impjegat tal-kunsill bi skala li hija skond il-kriterji tan-nies li jistgħu jkunu deputati għandu jiġi nnominat is-Sur Brian Loffreda bħala deputat għal dan it-terminu.

I6 Is-Sindku informa l-kunsill illi wara li nġibet quddiem il-kunsil f'seduta preċedenti l-kwistjoni ta' 'EPOS Machines' fil-Kunsill Lokali Kalkara tajjeb li wieħed ikun infurmat u jaqbel mal-fatt illi dawn il-machines mhux ser ikunu ta' użu jew indispenssabli għal dan il-kunsill u li l-kunsill kien qiegħed jaqbel u jirrifjuta li jinġieb dan is-servizz minħabba raġunijiet varji fosthom minħabba l-fatt illi l-Kalkara għandha popolazzjoni anzjana fejn il-maġġoranza ma jużawx cards tal-banek biex iħallsu .

**7.5. a1** Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi r-residenti għandhom ikunu jafu ċar u tond meta ser jinbeda x-xogħol tal-proġett ta' riġenerazzjoni fix-Xatt dan il-għaliex ħafna qiegħedin jistaqsu x'ġara mill-proġett. Huwa għamel enfażi illi kif din is-sena l-festa ġiet imħassra minħabba raġunijiet varji l-kunsill flimkien mal-GHRC l-awtorita' li qed tieħu ħsieb il-proġett għandhom jieħdu l-opportunita' biex jinbeda x-xogħol jew għall-inqas ikollna data approsimattiva tal-bidu tax-xogħolijiet.

Is-Sindku qal illi l-loġistika tal-proġett fil-verita' għaddejja ġmiela fil-preżent u t-tweġiba tal-kunsill lir-residenti li jsaqsu għandha tkun din. Huwa kompla jgħid illi dan il-proġett huwa wieħed kbir u l-preparamenti ta' qabel m'humiex preparamenti li ħa jieħdu jiem biss. Is-Sur Sindku kkonferma li sa din il-ġimgha stess is-Seg Eżek kienet qiegħeda ddur ir-residenzi mal-Perit ta' dan l-istess proġett biex jittieħdu xi ritratti għar-rapport li qed jiġu mħejjija hekk kif inhu suppost. Is-Sindku qal ukoll illi sfortunatament minħabba l-Covid 19 is-shifting tas-siġar ġie pospost ħabba raġunijiet ovvji.

A2 Is-Sur Vince Bongailas qal illi hemm bżonn tittranġa ż-żona fejn jistgħu jgħowmu l-klieb il-Bajja ta' Rinella għaliex daħlulu ħafna lmenti illi meta jiġu biex jitilgħu mill-baħar qed iweġġgħu. Huwa qal illi hemm bżonn illi ż-żona tiġi aktar aċċessibli għal klieb u għas-sidien li jagħmlu użu minn din iż-żona.

A3 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek tibgħat xi ħaddiema mill-kunsill biex inaddfu iż-żona ta' Triq l-Isptar Navali fil-viċinanzi tal-'cat café' li hemm.

7.5 b1 Is-Sinjura Sultana talbet ilkunsill biex jieħu passi fuq il-kuntrattur li qed jaħdem ġewwa Triq Missjoni Taljana dan wara ħafna lmenti mir-residenti illi ż-żona ġiet waħda tal-biża bit-trabijiet u żrar li jtir. Apparti minn hekk ġiet żona perikoluża mmens ħabba l-gandotti miftuħin li hemm mingħajr ebda sinjali ta' kostruzzjoni qabel ma tasal għalihom. Is-Sindku żied jgħid illi ftit tax-xhur ilu kien ħareġ stqarrija fuq din il-materja f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara fuq il-paġna uffiċjali ta' fb kif ukoll kellu xi jgħid bil-kbir mal-kuntrattur on site. Is-Sindku baqa' jgħid illi huwa kważi kuljum jagħmel kuntatt mat-tifla tal-kuntrattur fuq l-ilmenti kollha li jidħlulu matul il-ġurnata.

7.5 b2 Dan il-punt diġa' kien ġie diskuss qabel f'din is-seduta stess

7.5b3 Is-Sinjura Sultana qalet illi fi Triq Missjoni Taljana hemm bżonn isir qtugħ ta' siġar li qed jaqbżu l-barra fuq il-bankina minn ġo l-għelieqi privati fiż-żona dan il-għaliex din it-triq tintuża ħafna minn nies bil-mixi fejn qed ikollom jinżlu l-bankina biex jimxu. L-istess bankina għandha bżonn titnaddaf mill-ħmieġ tal-klieb kif ukoll jissewwa bin tal-klieb għaliex qiegħed imqaċċat.

7.5b4 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm bżonn il-kunsill jagħmel ilment formali mal-awtorita' li tieħu ħsieb it-transport pubbliku l-għaliex in-numru 213 qiegħed iħalli n-nies l-Isla mal-aħħar rotta tiegħu ma jibqax ġej il-Kalkara bir-rotta u qed

ikollha ħafna lmenti mingħand residenti li jagħmlu użu minn din ir-rotta speċjalment dawk li jaħdmu l-isptar jew forsi dawk li jagħmlu użu minn din ir-rotta biex jżuru lil xi ħadd l-isptar.

7.5b5 Is-Sinjura Sultana talbet il-kunsill iweħħel mera ġewwa Triq Santu Rokku quddiem garage partikolari li quddiemu għandu biss għelieqi minħabba l-fatt illi t-triq hija dejqa u meta jiġi biex joħroġ mill-garaxx qed isiba diffiċli speċjalment meta tgħaddi tal-linja mill-akwata jew xi truck kbir li jostakolalu l-vista biex ikun jista' joħroġ għal konvenjenza tiegħu

7.5 c1 Is-Sinjura Speranza Chircop saħħqet illi hemm bżonn illi fid-daħla tal-Kalkara tiżdied tabella bħal m'hemm f'kull lokalita' li tgħarrfek li wasalt fil-post, dan anka wara ħafna diskussjonijiet u diżgwit li kien hemm fis-snin preċedenti f'leġislaturi oħra. Is-Sindku wieġeb li fuq dan il-punt sa minn mindu gie elett kienet ix-xewqa tieghu li dan isir, izda gie mgharraf mod iehor rigward tabelli differenti li saru ghal kalkara biss

7.5c2 Is-Sinjura Chircop qalet illi hija kienet ila tikkomunika mal-persuni kkonċernati rigward is-servizz ta' transport alternattiv fil-lokal bl-isem ta' tuktuk, hija qalet ukoll illi xi ftit żmien ilu l-Onor Silvio Parnis kien iggwida illi kienet ħarġet sejħa fejn il-kunsill seta japplika. Is-Sindku qal illi ser ikun qed jiċċekja ma' lokalitajiet oħra li diġa' għandhom dan is-servizz biex jiċċekja fuq din il-materja qabel ma jsiru talbiet formali minn naħa tal-Kunsill Lokali Kalkara.

7.5c3 Is-Sinjura Chircop talbet il-kunsill jieħu ħsieb jiżra xi fjuri jew xitel ħodor fil-planters tal-konkos li hawn fil-lokal speċjalment dawk li hemm fic-centre strips ġewwa Triq Missjoni Taljana. Is-Sindku flimkien mall-kunsilliera qablu illi qabel ix-xogħol ta' kostruzzjoni li hemm fiż-żona jkun terminat ser ikun inutli li jinzertaw il-fjuri minħabba raġunijiet ovvji u li tajjeb ukoll isir xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn il-pots imsemmija mill-kunsilliera Speranza Chircop qabel jinżeraw fjuri jew xi xitel oħra.

7.5 d1 Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni waqt din is-seduta. Is-Sur Bruno żied jgħid biss biex jitweħħlu notifiċi ċari fejn ġew imneħħija l-iskips biex b'hekk wieħed ikun avżat biex ma jibqax jarmi u jħalli boroż tal-iskart fejn kieent l-iskip fil-passat.

.

**7.5** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**7.5.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti minħabba l-fatt illi din is-seduta ġiet skedata online.

**7.5.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 6.20

**7.6** **Mozzjonijiet**

7.6.1 Ma kienx hemm

**7.7** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

7.7.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-16 ta' Lulju 2020 fid-9:30 am.

Konfermati, illum ______________________________

______________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv